# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 55/2016

**Il-Pulizja**

**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**Vs**

**Saviour Dalli**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-appell ta' Saviour Dalli, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 88258M, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Jannar, 2016 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti "thassar u tirrevoka kemm id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet premessi fl-04 ta' Frar 2016 u minflok tichad it-talba ta' HSBC Bank Malta plc kontenuta fir-rikors ta' l-istess bank prezentat fil-10 ta' Jannar 2014 u b'hekk tirrevoka l-ordni tad-dhul fis-sehh tal-piena ta' sentejn prigunerija mghotija f'dik l-istess sentenza;

Rat id-decizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Frar, 2016 kif registrat fil-verbal tal-udjenza tal-istess data: "*Il-Qorti, wara li rat ir-rikors tal-Bank Rikorrent, wara li semghet li l-provi prodotti llum, wara li semghet*

*lill-partijiet jitrattaw l-istess rikors, terga' tiddikjara illi l-intimat naqas li jottempera ruhu mal-ordni moghtija lilu minn din l-istess Qorti bis-setgha tal-Artikolu 28H u s-sentenza tal-25 ta' April 2013 u ghalhekk tordna d-dhul fis-sehh tal-piena ta' sentejn prigunerija moghtija f'dik is-sentenza*";

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li wara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fil-25 ta' April, 2013, wara ammissjoni tal-imputat, l-istess Qorti kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghall-erba' snin fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u ordnatlu ihallas s-somma frodata ta' €9,000 lil HSBC Bank Malta pls fi zmien sitt xhur fit-termini tal-artikolu 28H tal-istess Kodici Kriminali. Wara rikors tal-HSBC Bank Malta plc domandanti rimedju ghaliex l-imputat ma hallasx dak minnu ordnat, l-Qorti dahhlet fis-sehh is-sentenza sospiza u b'hekk ordnat l-inkarcerazzjoni tieghu ghal zmien sentejn. Dan id-digriet inghata fis-6 ta' Marzu, 2014.

2. Fl-ewwel gravam tieghu, l-appellant jallega n-nullita' tad-decizzjoni tal-ewwel Qorti moghtija fl-4 ta' Frar, 2016. Issa, stante li l-imputat appellant jirreferi ghal-decizzjoni tal-2016 meta kien inghata digriet fis-6 ta' Marzu, 2014, tajjeb li jkun skjerat l-*iter* processwali kollu ghall-komprensjoni ahjar ta' dan l-appell;

3. Illi ghalhekk wara d-digriet tal-ewwel Qorti tas-6 ta' Marzu, 2016, li bih dahhlet fis-sehh z-zmien ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin rizultat tas-sentenza tal-25

t'April, 2013, l-imputat interpona appell quddiem din l-Qorti li bis-sentenza taghha tal-11 ta' Jannar, 2016 (App 99/2014) ddikjarat id-digriet appellat bhala null u bla effett u ordnat li l-atti jkunu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex tipprovdi mill-gdid dwar ir-rikors tal-HSBC Bank Malta plc tal-10 ta' Jannar, 2014. Hawnhekk jehtieg li tkun riprodotta s-sentenza ta' din il-Qorti sabiex jiftiehmu l-kunsiderazzjonijet li jmiss:

*Illi l-appellant qieghed jinterponi appell sia mis-sentenza tal-25 t'April 2013 kif ukoll mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Marzu 2014 li permezz tieghu rrendiet effettiv it-terminu ta' prigunerija ta' sentejn wara rikors tal-parti leza sussegwenti nuqqas ta' ottemperament tal-appellant li jhallas fi zmien sitt xhur;*

*Il-Qorti, izda, qeghda minnufih tichad l-ewwel talba tal-appellant, igifieri dik li permezz taghha talab it-tahsir u revoka tad-decizzjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet premessi fil-25 t'April 2013. U dan ghaliex dik is-sentenza setghet tkun appellata sa zmien tmient ijiem utili mid-data taghha igifieri sat-8 ta' Mejju 2013 meta r-rikors odjern kien intavolat fit-12 ta' Marzu 2014. L-appellant donnu qieghed jistrieh fuq interpretazzjoni hazina tal-artikolu 28I tal-Kapitolu 9 izda dak l-artikolu jipprovdi illi f'kaz ta' ordni dwar l-artikolu 28H(5) , dik l-ordni ghandha titqies bhala sentenza u hija soggetta ghall-appell. Dan ma jfissirx illi sentenza li terroga piena ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28A oltre ordni ta' hlas fi zmien mhux aktar minn sitt xhur fit-termini tal-artikolu 28H tista' tkun appellata sa zmien anke wara li tinghata xi ordni bis-sahha, u cioe' dwar l-artikolu 28H. Dik l-ordni li tinghata wara s-sentenza minhabba nuqqas ta' adempjenza hija imbaghad soggetta ghall-appell . Fil-kaz odjern, l-appellant ma interpona ebda appell dwar is-sentenza tal-25 ta' April 2013. Huwa naqas milli jhallas is-somma ordnata mill-Qorti fi zmien sitt xhur f'dik is-sentenza ai termini tal-artikolu 28H u l-Qorti ordnat li t-terminu ta' sentejn prigunerija sospiz ghall-erba' snin*

*jidhol fis-sehh b'mod immedjat. L-appellant issa jista' jappella biss mill-ordni li rrendiet effettiv it-terminu ta' prigunerija u <u>mhux</u> l-ewwel sentenza ghaliex dik ghaddiet in gudikat;*

*Illi ghalhekk il-Qorti issa ser titratta t-tieni talba tar-rikorrent appellant, igifieri ir-revoka u tahsir tal-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Marzu 2014 igifieri dik li permezz taghha rrendiet effettiv it-terminu ta' prigunerija ta' sentejn wara li naqas milli jhallas lill-HSBC Bank plc is-somma ta' €9,000 fi zmien sitt xhur mill-25 t'April 2013;*

*Dwar dan, tajjeb li qabel xejn tkun elenkata s-sekwenza li wasslet ghar-rikors odjern. B'sentenza tal-25 t'April l-appellant kien ikkundannat ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal-erba' snin bil-kundizzjoni ulterjuri li jhallas lill-HSBC Bank Malta plc s-somma ta' €9000 fi zmien sitt xhur ex artikolu 28H Kap 9; Fl-4 ta' Novembru 2013 l-imsemmi bank intavola rikors ghal-provvediment kontra l-appellant wara li naqas milli jhallas dan l-ammont; Fid-9 ta'Jannar 2014, l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tieghu wara li ddikjaratu null u bla effett; Fl-10 ta' Jannar 2014, l-Bank intavola rikors iehor ghall-provvediment mankanti hlas minn naha tal-appellant (fol 55) u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2014 (fol 54) l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tieghu stante li dan kien prezentat oltre t-terminu ta' xahar impost mill-artikolu 28 H tal-Kap 9; Fit-18 ta' Frar 2014 l-Bank intavola rikors iehor ghar-revoka contrario imperio tad-digriet tal-Ewwel Qorti tal-24 ta' Jannar 2014 stante li l-artikolu 28H (6) Kap 9 jipprovdi li l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors kemm il-darba jkun prezentat wara l-gheluq ta' tliet xhur miz-zmien stabilit mill-Qorti biex il-hati jikkonforma ruhu mal-ordni fuqu imposta. B'digriet tas-6 ta' Marzu 2014 l-Ewwel Qorti wara li ddikjarat illi l-appellant naqas milli jottempera ruhu ma' l-ordni moghtija lilu bis-sahha tal-Artikolu 28H fis-sentenza taghha tal-25 t'April 2013 ordnat d-dhul fis-sehh tal-piena ta' sentejn prigunerija moghtija f'dik l-istess sentenza;*

*L-aggravju tal-appellant in rigward d-digriet tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Marzu 2014 hu li r-rikors promutur kellu jkun appuntat ghas-smeigh fi zmien sebat ijiem mil-jum ta' meta kien notifikat l-esponent bir-rikors tal-HSBC Bank plc. L-aggravji l-ohra, igifieri li l-HSBC Bank Malta plc ma kienitx l-parti leza u li inkarcerazzjoni ghal-dejn civili mhux konsonanti mal-provvediment tal-Kostituzzjoni, jirrigwardaw l-appell dwar is-sentenza tal-25 t'April 2013 u mhux ser ikunu konsiderati minn din il-Qorti ghar-raguni gia moghtija supra li l-appell huwa wiehed tardiv;*

*L-artikolu 28I (4) tal-Kap 9 jipprovdi hekk: Jekk il-hati jonqos li jikkonforma ruhu ma' direttiva inkluza bis-sahha ta' dan l-artikolu fiz-zmien stabbilit mill-qorti f'dik id-direttiva, il-qorti ghandha, wara rikors mahluf mill-partijiet li lilha jkunu dovuti dik r-restituzzjoni jew dak il-kumpens, liema rikors ghandu jigi notifikat lill-hati, tistabilixxi jum u hin mhux iktar tard minn sebat ijiem mid-data tan-notifika tar-rikors, sabiex jinstemghu l-partijiet. Issa, ezaminati l-atti jidher li ma sarx dak ravvizat fl-imsemmi artikolu. Kif tajjeb rrileva l-Avukat Generali fis-sottomisjonijiet tieghu, ma hemmx indikazzjoni ta' meta l-appellant kien notifikat bir-rikors tal-Bank. Izzid tghid din il-Qorti illi dan mhux dovut minhabba xi illegibilita' ta' timbru jew haga ohra simili, izda semplicement ghaliex r-rikors qatt ma hareg ghan-notifika. Jidher illi kull darba li l-Bank prezenta rikors, ghamel dan b'kopja kif ukoll b'kopja ta' dokumenti, izda dik il-kopja dejjem baqghet fl-atti processwali u <u>qatt</u> (fuq t-tlett rikorsi) ma kien hemm digriet ta' notifikat lill-appellant kif jitlob l-artikolu 28H. Inoltre, fid-digriet tas-6 ta' Marzu 2014 meta saret l-ordni ta' dhul fis-sehh tat-terminu ta' prigunerija, (li jitqies bhala sentenza skond l-artikolu 28I), l-Ewwel Qorti lanqas ghamlet referenza ghar-rikors li kienet qed titratta. Ghalkemm wiehed jipprezumi li kienet qed titratta r-rikors tal-10 ta' Jannar 2014 il-Qorti kellha fil-fatt rikors*

*iehor pendenti quddiemha, dak tat-18 ta' Frar 2014 li bih talbet li jkun revokat contrario imperio digriet tal-24 ta' Jannar 2014. Id-digriet tas-6 ta' Marzu 2014 jaqra hekk:*

*"Meta ssejjah ir-rikors, deheret l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anne Marie Xuereb. Deher l-intimat assistit, li qieghed jitlob li jinghata xahar zmien sabiex jaffetwa l-hlas indikat fis-sentenza datata 25 ta' April 2013.*

*Il-Qorti wara li semghet lir-rapprezentant tal-Bank tiddikjara illi l-ammont ta' disat elef Ewro (€9,000) baqa' ma thallas xejn mionnu u wara li rat li ghaddiet kwazi sena mill-ghoti ta' sentenza u baqa' ma sar l-ebda hlas mill-istess intimat, tichad it-talba.*

*Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-partijiet jitrattaw il-mertu tar-rikors tal-Bank rikorrenti, tiddikjara illi l-intimat naqas milli jottempera ruhu ma' l-ordni moghtija lilu bis-sahha tal-Artikolu 28H fis-sentenza datata 25 ta' April u ghalhekk tordna d-dhul fis-sehh tal-piena ta' sentejn prigunerija moghtija f'dik l-istess sentenza."*

*Jidher ghalhekk illi l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tiddeciedi t-talba tal-bank wara li kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni tieghu minghajr ma l-ewwel rrevokat dik l-istess decizzjoni contrario imperio u, aghar minn dan, minghajr ma rrikorriet ghall-procedura ta' notifika tar-rikors u wara notifika ta' avviz ta' smigh skond kif ravvizat fl-artikolu 28H(4) tal-Kap 9. Din il-Qorti ma tistghax ma taqbilx mar-rikorrenti fl-argument tieghu li dan kollu jgib mieghu in-nullita'. Il-Qorti ghandha dejjem timxi mal-provvedimenti tal-ligi b'mod preciz u meta si tratta ta' privazzjoni ta' liberta tal-persuna, bhal fil-kaz odjern, dak l-oneru jassumi aktar importanza.*

*Ghal dawn il-motivi, l-appell, kwantu jolqot id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' gudikatura kriminali tas-6 ta' Marzu 2014, qed ikun milqugh u bhala konsegwenza qed ikun dikjarat null u bla*

*effett. Ghalhekk tordna illi l-atti jkunu rimessi lill-Ewwel Qorti sabiex tipprovdi mill-gdid dwar r-rikors tal-HSBC Bank Malta plc tat-10 ta' Jannar 2014 skond l-artikolu 28H(4) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

4. Wara dik is-sentenza, l-ewwel Qorti trattat mill-gdid ir-rikors tal-HSBC u prolatat id-digriet tal-4 ta' Frar, 2016 li ta lok ghall-appell odjern. Issa, fl-ewwel gravam hawn skrutinat, l-appellant jallega n-nullita' ta' dak id-digriet "*peress illi skond l-istess artikolu 28H(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dik il-Qorti kellha tappunta r-rikors ghas-smiegh entro sebat ijiem mil-jum ta' meta gie notifikat l-esponent bir-rikors ta' HSBC Bank Malta plc. Dan it-terminu, fl-umli fehma tal-esponent huwa wiehed perentorju (kieku wara kollox il-legislatur ma kienx jiehu l-izbriga biex jimponieh) – l-Ewwel Qorti (fl-umli fehma tal-esponent) skorrettement deherilha mod iehor u halliet is-smiegh tar-rikors jissokta, u dana bi pregudizzju kbir ghall-esponent;*"

5. Illi ghal fini ta' rikapitolar peress illi gia ssemmew diversi rikorsi u dati, wara li l-imputat naqas milli jhallas lill-Bank HSBC fi zmien sitt xhur, fl-4 ta' Novembru, 2013 l-istess bank ipprezenta rikors sabiex il-Qorti tipprovdi dwar dan in-nuqqas. Dak ir-rikors kien dikjarat null u bla effett. Imbaghad fl-10 ta' Jannar, 2014 l-bank rega' prezenta rikors iehor ghall-istess ragunijiet u l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tieghu stante li kien prezentat oltre t-terminu ta' xahar impost mill-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 (digriet tal-24.1.2014) B'reazzjoni ta' dan, fit-18 ta' Frar, 2014 l-bank kien prezenta rikors sabiex il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-decizjoni taghha tal-24 ta' Jannar, 2014 u dan ghaliex it-terminu ta' tlett xhur u mhux ta' xahar skond l-artikolu 28H kien ghadu ma ddekorriex. Fis-6 ta' Marzu, 2014 il-Qorti ddikjarat lill-imputat inadempjenti u dahhlet fis-sehh is-sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi.

Sussegwenti ghal dan skattat il-procedura tal-appell bis-sentenza kif riprodotta *supra*;

6. Wara li din il-Qorti ordnat is-smigh mill-gdid tar-rikors tal-24 ta' Jannar, 2014, u wara li l-ewwel Qorti ghamlet dan, sabet lill-imputat inadempjenti u dahhlet fis-sehh is-sentenza ta' sentejn prigunerija;

7. Issa, dak li jehtieg li jkun deciz hi l-allegazzjoni tal-appellant li r-rikors tal-Bank HSBC, allura tal-24 ta' Jannar 2014, kellux ikun appuntat ghas-smiegh fi zmien sebat ijiem minn meta notifikat lill-imputat u dan fuq piena ta' nullita'. Ir-rikors tal-bank kien intavolat entro it-tlett xhur minn meta jiskadi it-terminu li l-imputat kellu jhallas l-ammont lill-bank. Dwar dan ma hemmx kontestazzjoni. Is-subartikolu (5) tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali jirregola l-procedura lamentata mill-imputat u ghalhekk qed ikun hawn riprodott:

> **28H (5). Jekk il-hati jonqos li jikkonforma ruhu ma' direttiva inkluza bis-sahha ta' dan l-artikolu fiz-zmien stabbilit mill-qorti f'dik id-direttiva, il-qorti ghandha, wara rikors mahluf mill-parti li lilha jkunu dovuti dik ir-restituzzjoni jew dak il-kumpens, liema rikors ghandu jigi notifikat lill-hati, tistabilixxi jum u hin mhux iktar tard minn sebat ijiem mid-data tan-notifika tar-rikors, sabiex jinstemghu l-partijiet**.

8. Ezaminati l-atti processwali jemergi illi r-rikors li bih l-HSBC Bank Malta plc talab provvediment kontra l-imputat kien prezentat fir-registru tal-Qorti Kriminali fl-10 ta' Jannar, 2014. Ma jirrizultax li kien hemm xi digriet tal-qorti dwar dan ir-rikors ta' natura daqstant serja li l-akkoljiment tieghu jiskatta terminu ta' sentejn prigunerija fil-konfront tal-imputat inadempjenti.

Pero' minn qari ta' rikors sussegwenti tal-istess bank introdott fit-18 ta' Frar, 2014, hemm is-segwenti hjiel: "Illi fl-24 ta' Jannar 2014 din l-Onorabbli Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors guramentat u dan stante li r-rikors gie pprezentat oltre it-terminu ta' xahar impost mill-Artikolu 28H tal-Kap 9". L-istess bank ghadda biex jispjega lil Qorti illi it-terminu fil-fatt huwa ta' tlett xhur u mhux ta' xahar kif minnha erronjament dikjarat;

9. In segwitu ta' dan l-ahhar rikors, inzammet seduta fis-6 ta' Marzu 2014 li ghaliha kien prezenti l-imputat assistit. Minkejja li l-bank kien talab ir-revoka tad-digriet li permezz tieghu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors [tal-10 ta' Jannar 2014], l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda ordni ta' revoka u minflok ghaddiet biex tiddikjara lill-imputat inadempjenti u ordnat id-dhul fis-sehh tas-sentenza sospiza. Issa, kif gia inghad *supra*, dak id-digriet, li tajjeb li jkun osservat li ghandu l-istess effett ta' sentenza ex artikolu 28I tal-Kap 9, kien fil-fatt appellat u din il-Qorti rrinvjat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tiddetermina r-rikors mill-gdid. Id-decizzjoni sussegwenti tal-ewwel Qorti, allura mertu ta' dan l-appell, ghalhekk kienet titratta r-rikors tal-bank tal-10 ta' Jannar, 2014. Imkien fl-atti ma tirrizulta mqar tracca ta' xi forma ta' notifika tar-rikors lill-imputat. Minkejja dan, huwa deher ghas-seduta tas-6 ta' Marzu, 2014 u ghalhekk bilfors li kien b'xi mod jaf dwar din is-seduta. Sfortunatament dan hu l-istat li jinsabu fihom l -atti kumpilatorji li huwa ferm deplorat minn din il-Qorti. Logikament, jekk l-ewwel qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors originali tal-10 ta' Jannar, 2014 l-imputat qatt ma kien notifikat anke ghaliex lanqas hemm r-risposta tieghu in atti u qatt ma kien hemm digriet ta' appuntament ghas-smiegh. Jekk kien hemm xi notifika setghet kienet biss wara t-tieni

rikors tat-18 ta' Frar 2014 li ghalih ma hemm ebda digriet ghan-notifika u ta' appuntament ghas-smiegh;

10. Wara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Jannar 2016 li biha ordnat is-smiegh mill-gdid tar-rikors tal-bank, l-ewwel Qorti ordnat, permezz ta' digriet tal-21 ta' Jannar, 2016, li l-kawza tkun appuntata ghall-4 ta' Frar, 2016. Dik is-seduta sehhet u l-Qorti ddekretat l-inadempjenza tal-imputat u dahhlet fis-sehh it-terminu ta' sentenza ta' prigunerija. Ghal din l-okkazzjoni, pero', l-prosekuzzjoni esebiet riferta ta' notifika tal-imputat;

11. Minn dan l-assjem huwa evidenti b'mod inkonfutabbli li l-ewwel qorti ghal darb'ohra naqset milli ssegwi l-procedura elenkata fl-artikolu 28H(5) tal-Kodici Kriminali. Dan jirrikjedi (1) notifika tar-rikors mahluf u (2) li jkun stabbilit jum ghas-smiegh tar-rikors mhux aktar tard minn sebat ijiem mid-data tan-notifika. Quddiem l-ewwel Qorti l-imputat kien issolleva s-segwenti: "*Dr. Jonathan DeMaria jirrileva illi minn dak li jidher mir-riferti prezentati mill-Prosekuzzjoni ghal dak li ghandu x'jaqsam man-notifika tal-imputat bir-rikors tal-10 ta' Jannar 2014 u l-mozzjoni tas-smiegh ghas-seduta tal-lum, illi t-terminu prefess mill-Artikolu 28H(4), lahaq skada u ghalhekk din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess rikors".* B'reazzjoni ghal-dan, il-Qorti ddekretat illi "*peress illi t-terminu imsemmi fl-Artikolu indikat, ma huwiex terminu perentorju li jgib mieghu nullita' jew difett fil-proceduri, tichad u tordna l-prosegwiment tar-rikors*";

12. Din il-Qorti mhix tal-istess fehma tal-ewwel Qorti ghaliex it-terminu msemmi fl-artikolu 28H(5) ma huwiex wiehed derogabbli. Dak it-terminu ma jistax ikun trattat b'mod li ma jorbotx lill-qorti. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili (Sede

Inferjuri) tat-12 ta' Dicembru, 2007 fl-ismijiet Salina Wharf Marketing Ltd vs Malta Tourism Authority, kien ritenut illi "*In natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke id-dekors inutili taghhom ma jkunux imputabbli lil parti interessata. Dan ghal motiv illi l-improrogabilita' hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita'. Sewwa hafna gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta illi "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula ("***Giuzeppi Caruana –vs- Charles Psalia",*** *Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997)";* Din il-Qorti tqis illi din id-decide hija ugwalment applikabbli ghat-termini stabbiliti fil-Kodici Kriminali u ligijiet penali ohra li altrimenti igib fix-xejn ir-raguni li ghaliha l-legislatur ikun promulga l-obbligu tal-parti jew tal-Qorti li tosserva dak it-terminu;

13. Ghalhekk l-appellant ghandu ragun fl-ewwel aggravju tieghu stante l-karenza tal-ewwel Qorti li ssegwi l-procedura b'mod rigoruz, haga din li hi tassattivament rikjesta aktar u aktar meta si tratta ta' ezitu ta' privazzjoni tal-liberta' tal-persuna;

14. L-ewwel aggravju ghalhekk qed ikun milqugh u jkun inutili ghal din il-Qorti li tinoltra f'kunsiderazzjonijiet dwar l-aggravji l-ohra;

15. Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba tal-appellant u thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti li biha ordnat id-dhul fis-sehh tal-effetti tas-sentenza sospiza ta' sentejn prigunerija.